MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2317/2003

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance office plc surrogate fid-drittijiet ta Emmanuel Cassar u l-istess Emmanuel Cassar**

**Vs**

**Dunstan Camilleri u Carmelo Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Novembru 2003 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm1122.14) rapprezentanti danni subiti mill-atturi in segwitu ta incident stradali bejn il-vettura CBH 075 misjuqa mill-attur Emmanuel Cassar u l-vettura numru JAL 935 misjuqa mill-konvenut Dunstan Camilleri u l-vettura CAB 594

misjuqa mill-konvenut Carmelo Agius ghal liema ncident huma l-konvenuti l-unici responsabbli ghall-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 23 ta Lulju 2003 (Dok A) u ta l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz ghal finijiet tal-Kap 104 (Dok B) u bl-imghax li jiddekorri sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut Carmelo Agius fis-16 ta Marzu 2004 fejn bazikament jikkontendi li gia kien hemm ammissjoni ghar-rigward il-hsara fuq in-naha ta wara tal-vettura tal-attur kif jirrizulta minn Dok GM1 u Dok GM2 u ghalhekk ma ghandux ibghati ghal-ispejjes tal-odjerna procedura.

Ra li fit-28 ta Gunju 2004 kien gie prezentat kapitolu ghas-subizzjoni taz-zewg konvenuti;

Gie notat li fis-seduta tat-22 ta Frar 2006 Dr Michael Zammit Maempel ghall-konvenut Dunstan Camilleri rregistra ammissjoni ghat-talba attrici limitatament sal-ammont ta Lm588 rapprezentanti l-valur tal-hsarat kagonata fuq il-parti ta wara tal-vettura ta l-atturi;

Gie notat li fis-seduta tat-22 ta Mejju 2006 Dr Neville Camilleri ghall-atturi pprezenta nota li permezz taghha ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut Carmelo Agius filwaqt li zamm ferm l-atti tal-kawza fil-konfront ta l-konvenut l-iehor Dunstan Camilleri li baqa ma deherx biex jirrispondi ghas-sejha in subizzjoni li kienet saritlu fis-seduta tat-28 ta Gunju 2004.

Illi ghalhekk wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut Dunstan Camilleri iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut Dunstan Camilleri naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta Gunju 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta tat-22 ta Mejju 2006, u n-nota tal-

mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenut Dunstan Camilleri biss stante cessjoni fil-konfront tal-konvenut l-iehor Carmelo Agius u kwindi qed tillibera lil dan l-ahhar mill-osservanza tal-gudizzju u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Dunstan Camilleri ihallashom is-somma mitluba ta’ elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm1122.14) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta’ dina l-istanza a kariku tal-istess konvenut Dunstan Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------